

Il-Ħamis 3 ta' Frar 2011

Strument ta' finanzjament tal-koperazzjoni għall-iżvilupp (emenda tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006) *II**

P7_TA(2011)0032

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Frar 2011 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb li jiġi adottat regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1905/2006 li jstabbilixxi strument ta' finanzjament għall-koperazzjoni għall-iżvilupp (16442/1/2010 – C7-0426/2010 – 2009/0060A(COD))

(2012/C 182 E/09)

(Proċedura leġislattiva ordinarja: it-tieni qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (16442/1/2010 – C7-0426/2010),
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari ⁽¹⁾ dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2009) 0194),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 66 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għall-Iżvilupp (A7-0006/2011),

1. Jadotta l-pożizzjoni fit-tieni qari li tidher hawn taħt;
2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

⁽¹⁾ Testi adottati tal-21.10.2010, P7_TA(2010)0379.

P7_TC2-COD(2009)0060A

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fit-tieni qari fit-3 ta' Frar 2011 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru .../2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1905/2006 li jstabbilixxi strument ta' finanzjament tal-koperazzjoni għall-iżvilupp

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 209(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) Sabiex jitjiebu l-effiċjenza u t-trasparenza tal-għajnuna esterna tal-Komunità, fl-2006 ġie stabbilit qafas ġdid li jsostni l-ippjanar u l-provvista ta' attivitajiet ta' għajnuna. Dan jinkludi r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jstabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) ⁽²⁾, ir-Regolament (KE) Nru 1638/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali għat-twaqqif ta' Strument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija ⁽³⁾, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1934/2006 tal-21 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi strument ta' finanzjament għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi u territorji industrijalizzati u oħrajn bi dħul għoli ⁽⁴⁾, ir-Regolament (KE) Nru 1717/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 li jstabbilixxi Strument għall-Istabbiltà ⁽⁵⁾, ir-Regolament (Euratom) Nru 300/2007 tal-Kunsill tad-19 ta' Frar 2007 li jstabbilixxi Strument għall-Kooperazzjoni dwar is-Sikurezza Nukleari ⁽⁶⁾, ir-Regolament (KE) Nru 1889/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar l-istabiliment ta' strument ta' finanzjament għall-promozzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja ⁽⁷⁾, u r-Regolament (KE) Nru 1905/2006 ⁽⁸⁾.
- (2) Fl-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006 haġġu xi inkosistenzi fir-rigward tal-eżenzjoni għall-prinċipju tan-nuqqas ta' eliġibbiltà tal-ispejjeż relatati ma' taxxi, dazji u ħlasijiet oħrajn. Fidawl ta' dan, hu propost li jiġu emendati d-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dak ir-Regolament sabiex ikun konformi mal-istrumenti l-oħrajn.
- (2a) ***Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tad-Dokumenti Strateġiċi Ġeografiċi, il-Programmi Indikattivi Multiannwali u d-Dokumenti Strateġiċi għall-programmi tematiċi, billi dawn jissupplimentaw ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 u huma ta' applikazzjoni ġenerali. Hija ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol ta' thejġija tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti.***
- (3) Dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkisbu dawk l-għanijiet, skont l-Artikolu 5(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.
- (4) Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 għandu għaldaqstant ikun emendat skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 huwa b'dan emendat kif ġej:

(-1) Fl-Artikolu 17(2), it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Istruzzjonijiet ulterjuri dwar l-allokazzjoni tal-ammont sħiħ fost il-benefiċjarji għandhom jiġu definiti mill-Kummissjoni permezz ta' atti delegati f'konformità mal-Artikolu 35 u suġġett għall-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 35a u 35b.”;

(-1a) L-Artikolu 21 huwa sostitwit b'dan li ġej:

⁽¹⁾ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Ottubru 2010 (għadha mhux ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tal-10 ta' Diċembru 2010 (ĠU C 7 E, 12.1.2011, p. 11) u pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Frar 2011.

⁽²⁾ ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82.

⁽³⁾ ĠU L 310, 9.11.2006, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 405, 30.12.2006, p. 41.

⁽⁵⁾ ĠU L 327, 24.11.2006, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠU L 81, 22.3.2007, p. 1.

⁽⁷⁾ ĠU L 386, 29.12.2006, p. 1.

⁽⁸⁾ ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41.

Il-Ħamis 3 ta' Frar 2011

“Artikolu 21

L-adozzjoni ta' dokumenti ta' strateġija ġeografika u tal-programmi indikattivi multiannwali

Id-dokumenti ta' strateġija u l-programmi indikattivi multiannwali msemmija fl-Artikoli 19 u 20, u kwalunkwe reviżjoni tagħhom imsemmija fl-Artikolu 19(2) u fl-Artikolu 20(1), kif ukoll il-miżuri ta' akkumpanjament imsemmija fl-Artikolu 17, għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni permezz ta' atti delegati f'konformità mal-Artikolu 35 u suġġett għall-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 35a u 35b.”;

(-1b) L-Artikolu 22(3) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3. Il-programmi ta' azzjoni annwali għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni filwaqt li jitqiesu l-opinjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.”;

(-1c) Fl-Artikolu 23, il-paragrafi 3 u 4 huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

“3. Fejn l-ispiża ta' dawn il-miżuri tkun tisboq l-EUR 10 miljun, il-Kummissjoni għandha tadottahom filwaqt li tqis l-opinjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Għal miżuri speċjali taħt l-EUR 10 miljun, il-Kummissjoni għandha tibgħat il-miżuri lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bħala tgħarif fi żmien xahar mill-adozzjoni tad-deċiżjoni tagħha.

4. L-emendi tal-miżuri speċjali, bħal dawk li jwettqu adattamenti tekniċi, li jestendu l-perjodu ta' implimentazzjoni, li jassenjaw mill-ġdid il-fondi fil-baġit ta' tbassir, jew li jżidu jew inaqqsu d-daqs tal-baġit b'ammont li ma jisboqx l-20 % tal-baġit inizjali, kemm-il darba dawn l-emendi ma jkollhomx effett fuq l-oġġettivi inizjali stabbiliti fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni, għandhom jiġu komunikati fi żmien xahar lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.”;

(1) L-Artikolu 25(2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. Fil-prinċipju, l-għajnuna tal-Unjoni m'għandhiex tintuża għall-ħlas ta' taxxi, dazji jew ħlasijiet fil-pajjiżi benefiċjarji.”;

(1a) Fl-Artikolu 33, il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

“1. Il-Kummissjoni għandha twettaq monitoraġġ u reviżjoni tal-programmi tagħha b'mod regolari, u tevalwa r-riżultati tal-implimentazzjoni ta' linji politiċi u programmi ġeografiċi u tematiċi, u ta' linji politiċi settorali u l-effettività ta' programmar, fejn hu xieraq permezz ta' evalwazzjonijiet esterni indipendenti, sabiex jiġi aċċertat jekk l-oġġettivi intlaħqux u tkun tista' tifformula rakkomandazzjonijiet bil-ħsieb li jiġu mtejba operazzjonijiet ġejjienin. Għandhom jitqiesu kif jistħoqq il-proposti mill-Parlament Ewropew, il-parlamenti nazzjonali jew il-Kunsill għal evalwazzjonijiet esterni indipendenti. Għandha tingħata attenzjoni partikolari għas-setturi soċjali u għall-progress li sar lejn il-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju.

2. Il-Kummissjoni għandha tibgħat ir-rapporti ta' evalwazzjoni tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bħala tagħrif. Ir-riżultati għandhom jergħu jidħlu fit-tfassil tal-programmi u fl-alkazzjoni tar-riżorsi.”;

(1b) L-Artikolu 34(1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Il-Kummissjoni għandha teżamina l-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-miżuri meħuda skont dan ir-Regolament u għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport annwali dwar l-implimentazzjoni u r-riżultati, u sa fejn hu possibbli, dwar ir-riżultati ewlenin u l-impatti tal-assistenza. Dan ir-rapport għandu jiġi ppreżentat ukoll lill-parlamenti nazzjonali, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni.”;

(1c) L-Artikolu 35 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“;Artikolu 35

Eżerċizzju tad-delega

1. *Is-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 17(2) u fl-Artikolu 21 għandha tingħata lill-Kummissjoni għall-perjodu ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.*
2. *Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha fl-istess waqt tinnotifikah lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.*
3. *Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti delegati tingħata lill-Kummissjoni skont il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 35a u 35b.*

Artikolu 35a

Revoka tad-delega

1. *Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 17(2) u l-Artikolu 21 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.*
2. *L-istituzzjoni li tkun bdiet proċedura interna sabiex jiġi deċiż jekk tiġix revokata d-delega ta' setgħa għandha tagħmel hiliha sabiex tgħarraf lill-istituzzjoni l-oħra u lill-Kummissjoni fi żmien raġonevoli qabel ma tittieħed id-deċiżjoni aħharja, filwaqt li tindika s-setgħa delegata li tista' tkun soġġetta għar-revoka u r-raġunijiet possibbli għal revoka.*
3. *Id-deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ minnufih jew f'data aktar tard speċifikata hemmhekk. Hija m'għandhiex taffettwa l-validità tal-atti delegati diġà fis-seħħ. Għandha tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Artikolu 35b

Oġġezzjonijiet għal atti delegati

1. *Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għal att delegat fi żmien perijodu ta' xahrejn mid-data tan-notifika.*

Fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill, dan il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn.

2. *Jekk, meta jiskadi l-perjodu msemmi fil-paragrafu 1, la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għall-att delegat, dan għandu jiġi ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u għandu jidħol fis-seħħ fid-data stabbilita fih.*

L-att delegat jista' jiġi ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u jidħol fis-seħħ qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu jekk il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn li huma għarrfu lill-Kummissjoni bil-ħsieb tagħhom li ma jqajmux oġġezzjonijiet.

3. *Jekk jew il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għall-att delegat fi żmien il-perjodu msemmi fil-paragrafu 1, dan ma jidħolx fis-seħħ. L-istituzzjoni li toġġezzjona għandha tiddikjara r-raġunijiet għaliex oġġezzjonat għall-att delegat.”.*

Il-Ħamis 3 ta' Frar 2011

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

Stabbiliment ta' strument ta' finanzjament għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi industrijalizzati (emenda tar-Regolament (KE) Nru 1934/2006) *II**

P7_TA(2011)0033

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Frar 2011 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsiebli jiġi adottat regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1934/2006 li jstabbilixxi strument ta' finanzjament għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi u territorji industrijalizzati u oħrajn bi dħul għoli (16440/1/2010 – C7-0425/2010 – 2009/0059(COD))

(2012/C 182 E/10)

(Proċedura leġislattiva ordinarja: it-tieni qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (16440/1/2010 – C7-0425/2010),
 - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari ⁽¹⁾ dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2009)0197),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 66 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A7-0005/2011),
1. Jadotta l-pożizzjoni fit-tieni qari li tidher hawn taħt;
 2. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

⁽¹⁾ Testi adottati, 21.10.2010, P7_TA(2010)0381.